MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 297/2004

**Michael Falzon**

**vs**

**Onor. Joe Mizzi MP**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attura, prevja dikjarazzjoni li l-artikolu intitolat 'Playing chairman' li deher fil-gazzetta 'The Times' datat 1 t'April, 2004, li tieghu l-konvenut l-Onor. Joe Mizzi huwa l-awtur. Huwa libelluz, malafamanti u ingurjuz fil-konfront ta' l-attur, kif ukoll tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u toffendi l-unur u l-fama tal-attur u tas-socjeta' illi taghha huwa c-Chairman, talab li l-konvenut ikun ikkundannat ihallsu dik is-somma li jghogobha tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix Lm5,000 bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Kap. 248.

Bl-ispejjes inkluz tal-protest gudizzjarju datat Mejju, 2004 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament. Il-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut:

Illi l-konvenut jesponi illi ma hemm xejn malafamanti fil-konfront tal-attur fil-publikazzjoni in kwistjoni;

Illi fit-tieni lok il-kitba tammonta ghal fiar comment u espressjoni t'opinjoni kemm taht il-Ligi tal-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza ta' libell taht il-Liġi dwar l-Istampa u titratta artikolu bl-ingliz li deher fuq gurnal lokali fl-1 ta' April 2004 intestat "Playing Chairman" miktub mill-konvenut. L-attur qieghed jilmenta illi dan l-artikolu huwa libelluz, malafamanti u ingurjuz fil-konfront tieghu u li jesponih ghal disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, filwaqt li joffendi l-unur u l-fama tieghu u tas-socjeta' li taghha huwa c-Chairman. Jirrizulta li fiz-zmien li nkiteb dan l-artikolu, l-attur kien ic-chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma.

Illi fix-xhieda tieghu, r-rikorrent qal li l-artikolu de quo inkiteb fi sfond ta' skambju ta' korrispondenza li kienet qed issir dak iz-zmien fl-istess gurnal. Hu qal li hass li l-artikolu de quo huma malafamanti minhabba t-ton uzat fl-artikolu u fejn l-awtur jallega li l-attur jiehu l-kariga ta' chairman bic-cajt ghaliex mohhu aktar fil-politika milli fir-responsabilitajiet tieghu bhala chairman tas-socjeta msemmija.  L-attur kompla jghid li fl-artikolu de quo jallega li la l-attur u lanqas is-socjeta msemmija ma hadu passi

dwar rapport li sar min kumpanija Taljana fis-sena 2000 dwar il-kwalita’ ta’ l-ilma. L-attur zied illi l-istess artikolu jghid li la l-attur u lanqas is-socjeta’ msemmija ma nfurmat il-pubbliku bil-kontenut ta’ dan l-imsemmi rapport  u li mbaghad, gie ppubblikat rapport li fih ma baqghux jidhru certa kimici li kienu perikoluzi. Skont ir-rikorrent, dan l-artikolu jinsinwa illi r-rikorrent pprova jahbi u jimmanipola xi informazzjoni fid-dawl tas-shubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea. Jghid li hassu mmalafamant b’dan l-Artikolu.

Fix-xhieda tieghu, r-rikorrent ikompli jghid li huwa minnu  li kien hemm rapport minn socjeta’ Taljana li kien jghid li kien hemm certa kimiki fl-ilma u l-Korporazzjoni hadet passi immedjati, pero rrizulta wkoll li dan ir-rapport ma kienx affidabbli u saru testijiet ohrajn.  Wara li l-Korporazzjoni ghamlet il-verifiki taghha, f’April 2000 harget rapport iehor fejn ma ssemmewx uhud mill-kimiki li semmiet il-kumpanija Taljana peress li ma kienux prezenti fl-ilma tax-xorb. Sussegwentement, il-Korporazzjoni hadet id-decizjoni li tippubblika rapport kull sena dwar il-kwalita’ ta’ l-ilma. Ir-rikorrent jghid li fl-aritkolu de quo hemm dell ikrah fuq l-istess rikorrent minhabba li qed jitfa’ dubju fuq kemm huma veritieri dawn ir-rizultati u l-analizi.  Ir-rikorrent cahad kategorikament illi hu qatt indahal fl-affarijiet xjentifici jew ta informazzjoni jew data bil-ghan li jimmanipola jew b’xi mod iehor jahbi l-informazzjoni.

In kontro-ezami, ir-rikorrent qal li r-rizultanzi ta’ l-analizi li saru kienu kkompilati f’rapport u pprezentati lil Kumitat li kien qed jikkonsulta mieghu il-Gvern waqt id-dhul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea.  Qal li kien hemm xi livelli ta’ kimiki fir-rapport tas-socjeta’ Taljana li kienu gholjin u wara rrizulta li t-testijiet li ttiehdu ma kienux reliable.  Qal li jista’ jkun il-kaz li l-kontaminazzjoni ta’ l-ilma f’certa kampjuni kienet gejja mis-sistema ta’ stalazzjoni tal-pipes tal-ilma  tal-konsumatur.  Ikkonferma li kien hemm xi partijiet mis-sistema ta’ distribuzzjoni li ghandhom kanen qodma u li forsi setghu jikkontribwixxu ghal sadid fl-ilma. Qal li l-korporazzjoni ghandha programm sabiex jinbidlu dawn il-kanen. Qal li ghad hemm numru sostanzjali ta’ pajpijiet li jridu jinbiddlu pero t-testijiet li saru mill-kumpaniji Taljani jinkludu kimiki li m’humiex attribwiti lil dawn il-pajpijiet.

Ghar-rigward tar-rapport mahrug mill-Gvern intitolat “State of the Environment”, ir-rikorrent qal li dan jirrigwardja l-ilma li jittella’ mill-art u jista’ jkun hemm fih numru gholi ta’ nitrati. Generalment dan l-ilma ma jibqax jittella minn dak il-punt u tinstab borehole ohra. Qal li r-rapport tas-Socjeta’ Taljana ma jirrigwardjax dak l-ilma izda l-ilma li jasal ghand il-konsumatur.

Xehed ukoll Anthony Rizzo li kien il-Kap Ezekuttiv tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-ilma. Fix-xhieda tieghu qal illi hu ilu jokkupa din il-kariga mil-1 ta’ Jannar 2002 u spjega li l-Korporazzjoni ghandha l-Institute of Water Technology li fih hemm laboratorju li jiehu hsieb l-analizi ta’ dawn it-tip ta’ testijiet. Apparti minn dan, isiru wkoll testijiet minn laboratorji minn barra minn Malta fuq samples li jittiehdu f’Malta. Dan isir fid-dawl ta’ certa Direttivi ta’ l-Unjoni Ewropea. Spjega li l-Korporazzjoni trid taghmel regolarment ammont ta’ sampling biex ikunu konformi mad-Direttivi ta’ l-Unjoni Ewropea. Fix-xhieda tieghu, Rizzo kkonferma li kemm kien ilu Kap Ezekuttiv, ic-Chairman qatt ma ndahal jew qalilhom xi haga  meta johorgu r-rizultati jew meta jsiru l-analizi.

Xehdet Paula Grech Bonnici, li kienet il-Kap tal-Laboratorju tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-ilma u li kienet ilha tokkupa din il-kariga minn Jannar 2001. Fix-xhieda taghha qalet li hemm tipi differenti ta’ programmi ta’ monitoragg, hemm dak li jissejjah Routine Monitoring, li jirrikjedi analizi kull xahar minn kull villagg, pumping station u minn kull sors u mbaghad hemm Monitoring Programme iehor li jirrikjedi li jsiru l-analizi skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Avviz Legali 23 u 116 tas-sena 2004. Xehdet li fir-rapport annwali, huma jiktbu r-rizultanzi ta’ l-analizi li jkunu saru minn laboratorji indipendenti kif ukoll mil-laboratorju taghhom. Qalet li l-laboratorju johrog ir-rapport annwali u jkun amalgamat mar-rapport annwali tal-Korporazzjoni. Ghar-rigward ta’ l-analizi li saru mis-socjeta Taljana, ix-xhud qalet li dak iz-zmien ma kinietx in charge taghhom.

Fix-xhieha taghha, Paula Grech Bonnici kompliet tghid li saru zewg analizi, wiehed minn socjeta’ Taljana u l-iehor

minn socjeta Ingliza. Qalet li r-rapport li jigbor fih ir-rizultanzi ta’ dawn l-analizi sar ghall-uzu tal-Korporazzjoni stess u dawn ir-rizultanzi jistghu jitqabblu mal-parametri stabbiliti mil-ligi biex wiehed jara jekk il-livell taghhom huwiex wiehed gholi jew baxx. Qalet li dan ir-rapport ghandu lista dettaljata ta’ testijiet li ghandhom isiru u kull test jindika l-livell ta’ kontaminanti partikolari li imbaghad jista jigi kkomparat mal-livelli mitluba mil-ligi, mill-Unjoni Ewropea jew mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Sahha (WHO). Xehdet li mir-rapport, jirrizulta li hemm certu parametri li qabzu l-livell rikjest mil-ligi pero dan ma jfissirx li qed jindika li hemm problema fil-kwalita’ ta’ l-ilma u dan ghaliex meta wiehed janalizza jista’ jkun hemm certa kontaminazzjonijiet li gejjin mis-sistema tal-post fejn qed jingabar il-kampjun. Qalet li jista’ jkun hemm xi tip ta’ kontaminazzjoni li tohrog mill-vit, ghax il-kwalita’ tal-vit minn fejn jingabar il-kampjun ma jkunx ta’ kwalita’ tajba. Ix-xhud kompliet tghid li biex jkun ikkonfermat jekk il-kontaminazzjoni tirrizultax mill-ilma jew mis-sistema, jridu jergghu jingabru kampjuni ohra u normalment jingabru kampjuni mill-istess triq, ftit bibien ‘l boghod u jerga jittiehed kampjun iehor. Jekk il-problema tkun fl-ilma, allura dawn ir-rizultanzi jkunu gholjin. Fil-fatt, dawn il-kampjuni ma kienux gholjin u dan jindika li l-problema kienet mill-point ta’ fejn ittiehed il-kampjun u b’hekk ma nstabx li kien hemm kontaminazzjoni fis-supply ta’ l-ilma.

Xehed ukoll Antoine Riolo, li kien is-CO tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-ilma matul is-sena 2000 sa’ l-2001. Ghar-rigward ta’ l-analizi li saru mis-socjeta Taljana qal li dak iz-zmien, Malta kienet qed tinnegozja d-dhul taghha fl-Unjoni Ewropea u wahda mid-Direttivi li kienu qed jikkonsidraw kienet id-Direttiva maghrufa bhala “Drinking Water Qality Directive” u meta kienu ghamlu l-iscreening exercise mal-Kummissjoni Ewropea , Malta kienet intalbet taghti snap-shot tal-kwalita’ ta’ l-ilma fil-Gzejjer Maltin. Dan l-ezercizzju kien wassal ghal dawn l-analizi. Ix-xhud kompla jghid li “snap-shot” tfisser programm ta’ sampling ta’ l-ilma. It-testijiet ghandhom isiru skont il-parametri stabbiliti mid-Direttiva. Spejga li s-socjeta Taljana kienet ghamlet testijiet ghall-pesticidi li jintuzaw fil-Mediterran filwaqt li kienet tqabbdet socjeta’ Ingliza li ghamlet testijiet

fuq il-parametri kimici. Qal li kien hemm xi rizultati li ma kienux konsistenti ma dak li kienu qeghdin jistennew u minhabba li dawn kienu l-ewwel testijiet li saru, kienet qed isservi wkoll bhala invetigazzjoni ghall-Korporazzjoni wkoll. Qal li kienu ghamlu sett ta' testijiet ohrajn bhala konferma tar-rizultanzi li kellhom fl-ewwel test. Xehed li hafna mir-rizultanzi li kellhom setghu jigu attribbwiti ghal fatturi partikolari.

Xehed ukoll Anthony Sammut, li dak iz-zmien kien jahdem bhala Senior Engineer mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma. Xehed li kien ilu f'din il-kariga sa mill-1993 u mbaghad mar jahdem f'entita differenti. Ix-xhud ikkonferma li hemm analizi li ssir ta' rutina, hemm analizi li ssir mill-Public Health, u hemm analizi li dak iz-zmien kellhom jibghatuha barra minhabba li kienet tirrigwardja certa parametri li ma kienux isiru ta' rutina f'Malta. Qal li dak iz-zmien kienu saru testijiet kemm minn socjeta' Ingliza kif ukoll minn socjeta' Taljana. Qal li ghar-rigward tat-testijiet kimici, kien hemm xi rizultanzi li eccedew il-parametri stabbiliti mid-Direttiva u f'dan ir-rigward kienu bdew investigazzjoni biex jaraw x'kien il-kagun ta dawk ir-rizultanzi u mir-"re-sampling" li sar wara dawn ir-rizultanzi, ma harget l-ebda kimika li teccedi l-parametri stabbiliti mid-Direttiva. Fix-xhieda tieghu, Sammut ikkonferma li l-analizi tal-kimici saret mis-Socjeta' Ingliza u mhux dik Taljana. Hu qal li kien inkarigat milli jikkowordina u jabbozza r-rapport tal-Korporazzjoni u li dan ir-rapport jigi ppubblikat kull sena.

Il-konvenut xehed li bhala parti mir-responsabilitajiet parlamentari tieghu, huwa kelliem ewlieni ta' l-Opposizzjoni dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma fost l-ohrajn. Xehed illi l-aktar ghodda ta' Membru Parlamentari sabiex ikun jaf il-fatti huwa bil-mistoqsijiet Parlamentari pero madanakollu, bhala Membru Parlamentari huwa jitkellem ma diversi haddiema u nies li jkunu ppreokkupati b'xi haga jew ohra. Hu kkonferma li hu kiteb l-artikolu de quo u mistoqsi dwar dak li kiteb, ix-xhud ikkonferma illi l-verita' hi li l-pubbliku ma kienx gie infurmat bl-analizi li saret mis-socjeta' Taljana. Qal li mill-analizi li ghamlet is-socjeta' Taljana kien irrizulta li kien

hemm tniggiz fl-ilma u dan anke kien ikkonfermat mill-Ministru. Il-konvenut kompla jghid li dawn ir-rizultanzi imbaghad imbiddlu meta hareg ir-rapport annwali tal-korporazzjoni u wiehed irid jistaqsi dwar dan it-tibdil fir-rizultati u x'kien qieghed jigri. Hu kkonferma li r-rapport ta' l-ewwel analizi ma kienx pubbliku. Ix-xhud kompla jghid li meta wiehed jara li hemm ammonti ta' pajpijiet kbar li huma tal-hadid li qed jikkontaminaw l-ilma u li ghadhom ma tbiddlux, allura wiehed iktar jaghmel mistoqsijiet, ghax dik wahda mill-problemi li hemm. Ghar-rigward tal-fatt li fl-artikolu hu jghid li r-rikorrent kien qed jimmanipola l-informazzjoni jew inkella li qed jaqbel li jsir dan il-habi jew manipolazzjoni, l-konvenut qal li hu kien qieghed jaghmel mistoqsijiet biex wiehed jasal u jispjega x'inhuma l-affarijiet u ma kienx qieghed jaghmel xi akkuzi fil-konfront tieghu. Hu sostna li hu kull ma kien qed jaghmel huwa li jistaqsi sabiex tohrog l-informazzjoni u l-poplu janalizza l-informazzjoni moghtija. Ghar-rigward tal-fatt li r-rikorrent qed isostni li l-artikolu qed jifta dell ikrah fuqu fis-sens li qed jitfa' dubji dwar kemm huma vertieri dawn ir-rizultanzi jew l-analizi fir-rapport annwali, l-konvenut qal li bhala Chairman jekk kien qed jara dell ikrah fuqu ghax ikun hemm certa affarijiet li jistonaw, bhal per ezempju, meta kien hemm ir-rapport tat-Taljani jghid mod imbaghad ir-rapport annwali jghid mod iehor, dik affari tieghu pero l-konvenut qed jghid il-verita' u qed jaghmel dak kollu biex wiehed johrog l-informazzjoni u jispjega.
Fix-xiehda tieghu, il-konvenut ikkonferma li hu kien qed jaghmel referenza ghar-rapport li fih hemm ir-rizultanzi tas-socjeta' Taljani u kkonferma wkoll li kopja taghhom qatt ma giet ippubblikata u mill-analizi li hemm fir-rapport jirrizulta illi l-impurities imsemmija m'humiex biss dawk li gejjin mis-sadid tal-pajpijiet u fir-rapport annwali m'hemm l-ebda referenza ghall-analizi li saru mis-socjetajiet esteri. Qal li skond id-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, l-pubbliku ghandu dritt li jkun infurmat, anke jekk ghal saghtejn jew tlett sieghat, jekk ikun hemm xi tniggis fl-ilma u minhabba li dan qatt ma gie ppublikat, hu kellu kull dritt li jaghmel il-mistoqsijiet. Xehed li sakemm jibqghu il-pajpijiet il-qodma, sa jkun hemm il-kontaminazzjoni ta' l-ilma u hemm diversi zoni li huma kkontaminati. Fir-rigward tat-targets tal-Korporazzjoni ghall-bdil tal-pajpijiet, jidher li l-

korporazzjoni qeghda lura hafna u dawn se jibqghu jikkontaminaw l-ilma. Kien hemm diversi rapporti fil-gazzetti li jikkundannaw il-kwalita' ta' l-ilma kemm dak ta' taht l-art kif ukoll tax-xorb.

In-kontro-ezami, il-konvenut xehed illi fil-parlament hu intervjena diversi drabi fuq il-kwalita' ta' l-ilma u staqsa mhux darba jew tnejn fuq il-kwalita' ta' l-ilma. Fl-artikolu de quo hu ghamel mistoqsijiet u r-referenzi ghall-kimiki msemmija mir-rapport li sar wara l-analizi tal-kampjuni mis-socjetajiet esteri. Ir-rizultanzi li ghamlu s-socjeta Taljana ma kienux kollha inkorporati fir-rapport annwali tal-Korporazzjoni. Hu qal li t-titolu ta' l-artikolu ghazlu hu u dan ghaliex ic-chairman ghandu r-responsabilitajiet u dawk ir-responsabilitajiet irid jaghmilhom u b'hekk wiehed irid isaqsi jekk dawn hux qed isiru. Hu xehed li l-artikolu kitbu ghax ghandu l-obbligu li meta jkun hemm affarijiet li mhux qeghdin sew jghidhom u mhux biex b'xi mod jimmina l-Korporazzjoni. Ix-xhud qal li r-rapport Annwali ma jikkontjeniex biss rapporti li jkunu saru fiz-zmien tar-rapport u mhux rapporti li jkunu saru matul is-sena. Kompla jghid li l-Membri Parlamentari jkollhom access ghar-rapport annwali matul dik il-gimgha li jkun se jigi diskuss.
In ri-ezami, il-konvenut ikkonferma li r-rikorrent qatt ma ghamel referenza ghall-fatt li l-ilma kien ikkontaminat u lanqas ghar-rapport li sar mis-socjeta' Taljana. Hu qal li hareg dak ir-rapport ghax il-poplu ghandu jkun infurmat u dan johrog ukoll mid-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea. Il-konvenut ta lista ta' dawn l-imsemmija Direttivi.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti kif jinsabu fl-atti tal-kawza jirrizulta car illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma kienet ikkommissjonat testijiet fuq kampjuni ta' l-ilma minn laboratorji esteri u minn dawn it-testijiet irrizulta li kien hemm numru ta' kimiki tossici li kienu jeccedu l-massimu stabbilit mid-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-Kwalita' ta' l-ilma tax-xorb. Jirrizulta wkoll li din kienet l-ewwel darba li l-Korporazzjoni ghamlet dawn it-tip ta' testijiet u minhabba r-rizultanzi partikolari, l-Korporazzjoni iddecidiet

li terga taghmel l-istess testijiet ma’ laboratorji indipendenti. Din id-darba pero, ir-rizultati kienu fil-limiti stabbiliti u l-livell gholi ta’ kimiki kien attribwit lil numru ta’ fatturi. Irrizulta wkoll, madanakollu, li r-rizultati ta’ l-ewwel testijiet ma gewx inkluzi fir-rapport annwali tal-Korporazzjoni li gie pprezentat lill-Membri Parlamentari waqt id-diskussjonijiet fuq il-korporazzjoni.

Jirrizulta mill-fatti tal-kawza illi l-konvenut kien, dak iz-zmien, il-kelliem ewlieni ghall-opposizzjoni fuq il-Korporazzjoni u li dak iz-zmien kien konsapevoli tar-rizultati ta’ l-ewwel testijiet u kien propju dan it-taghrif li wasslu biex jikteb l-artikolu de quo u li minnu qieghed jilmenta ir-rikorrent. Matul ix-xhieha tieghu, l-konvenut konsistentement jghid illi dan l-artiklu jikkonsisti f’serje ta’ domandi legittimi li persuna ghandha taghmel sabiex tkun taf il-verita’ dwar il-kwalita’ ta’ l-ilma tax-xorb ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fis-Sentenza  Dr. Albert Caruana vs Gino Cauchi (Qorti ta’ l-Appell (Superjuri) 23 ta’ Gunju 2004) il-Qorti  enoltrat fil-fond dwar il-bilanc li jrid jinzamm bejn id-dritt ghall-harsien tar-reputazzjoni personali u d-dritt tal-manifestazzjoni libera ta’ l-espressjoni, senjatament il-bilanc li ghandu jkun hemm hemm bejn l-interess tal-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika. Dik il-Qorti rriteniet illi dan l-aspett taz-zamma tal-proporzjonalita` hu kombacjat mal-aspett l-iehor li l-espressjoni demokaratika tinhtieg li tinghata l-aktar spazju possibbli fil-konfront ta' l-operat ta' figuri pubblici li kellhom ikunu soggetti ghall-iskrutinju ta' stampa hielsa, anke jekk dan ikun a skapitu ta' skonfort u nkonvenjenza ghal dawn il-persuni li lejhom tkun immirata.  Il-Qorti kompliet tghid illi:-
“Hija regola dottrinali tal-materja agitata, konfermata wkoll mill-gurisprudenza, illi d-divulgazzjoni ta' ahbar permezz

ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bhala ezercizzju lecitu tad-dritt tal-kronaka. Dan l-ezercizzju pero` jibqa' hekk lecitu sakemm jikkorrispondu u jikkonvergu fih dawn l-osservanzi principali:
1) il-verita` tal-fatti esposti rizultanti minn ricerka serja, diligenti u kompleta;
2) ir-rakkont irid ikun necessarju ghas-sodisfacentement tal-interess pubbliku li jkun mgharraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew socjali;
3) il-kritika trid tkun mizmuma f'termini korretti u mizurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva.

Illi ghar-rigward ta’ l-ewwel element kif deskritt mill-Qorti ta’ l-Appell, senjatament li verita` tal-fatti esposti rizultanti minn ricerka serja, diligenti u kompleta, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Perit John Boffa vs John A. Mizzi (Qorti ta’ l-Appell, 21 ta’ Gunju 2005) fejn kien ritenut illi sabiex tirnexxi l-exceptio veritatis, il-prova htiegilha tkun "piena, larga e sicura" fl-estensjoni kollha taghha in kwantu hadd ma jista jippretendi li jkollu licenzja ta' kritika jew kumment dwar fatti "li ma jkunux sostanzjalment veri u korretti".

Illi din il-Qorti semghet kif  r-rizultati li hargu mill-ewwel testijiet kellhom numru ta’ “sources of errors”, fosthom il-kwalita’ tal-viti tal-konsumaturi, tant li l-Korporazzjoni regghet ghamlet l-istess testijiet, din id-darba ippruvat timminimizza dawn is-“sources of error”. Bla dubju ta’ xejn, ir-rizultati tat-tieni testijiet kienu ferm aktar konklussivi minn dawk tal-ewwel testijiet u fid-dawl ta’ dan, din il-Qorti thoss li l-artikolu de quo jibbaza fuq rizultati li tassew inghataw, dawn l-istess rizultati ma kienux xjentifikament korretti u l-Korporazzjoni ma setghetx tinkludihom fir-rapport annwali li ghandu l-iskop li jaghti stampa cara u korretta tal-kwalita’ ta’ l-ilma tax-xorb. Di piu, ma ngiebet l-ebda prova illi c-chairman ipprova b’xi mod jimmanipola jew jinfluwenza xi rizultati jew rapporti li ghamlet jew li kkummissjonat il-Korporazzjoni dwar il-kwalita’ ta’ l-ilma.

Illi ghar-rigward tat-tieni element stabbilit mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Dr. Albert Caruana vs Gino Cauchi, senjatament li "ir-rakkont irid ikun necessarju ghas-sodisfacentement tal-interess pubbliku li jkun mgharraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew socjali", din il-Qorti hi tal-fehma li s-suggett maghzul mill-konvenut huwa suggett ta' interess pubbliku u l-pubbliku ghandu jkun mgharraf b'fatti determinanti ta' rilevanza socjali. Madanakollu, l-fatti li jirreferi ghalihom l-awtur m'humiex fatti korretti stante li dawn l-istess rizultati kien xjentifikament censurati. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku, gratia argomenti , ir-rizultati tat-tieni testijiet ikkonfermaw dawk ta' l-ewwel testijiet – haga li fil-kaz odjern ma sehhhietx.  Mhux biss, talli l-Korporazzjoni tant hadet bis-serjeta' r-rizultati tal-ewwel testijiet li immedjatament ikkummissjonat testijiet ohra.
Illi t-tielet element stabbilit mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza citata  jistipola illi "l-kritika trid tkun mizmuma f'termini korretti u mizurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva." Illi  mix-xiehda moghtija mill-konvenut, jirrizulta illi l-konvenut kellu biss il-hsieb li jaghmel serje ta' domandi li huma ta' interess pubbliku bil-ghan li l-pubbliku jkun infurmat b'dak li skond hu kien qed jigri gewwa l-Korporazzjoni. Minn ezami ta' l-artikolu de quo, jirrizulta li minkejja li l-awtur jaghmel numru ta' domandi, dawn id-domandi isiru fl-isfond ta' kummenti li l-awtur jaghmel dwar ir-rapporti tal-Korporazzjoni, liema sfond jitfa' dawl fuq kif ghandhom ikunu interpretati dawn l-istess domandi.  B'mod partikolari, l-awtur jibda billi fl-artikolu tieghu  jallega illi r-rikorrent qieghed igib l-interessi politici partiggjani tieghu qabel id-dmirijiet tieghu bhala chairman tal-korporazzjoni. Di piu, l-awtur ikompli jghid illi c-chairman, minflok ma jinvestiga l-allegazzjonijiet ta' l-awtur, qieghed jaghmel attakki politici kontra l-opposizzjoni
.
Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza Dr. Alfred Sant vs Joe Mikallef (Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) 10 ta' Jannar 2003) fejn kien ritenut illi:
"Mhux importanti li wiehed jara x'kellu f'rasu l-awtur tal-istampat jew jara kellux 'animus injuriandi' imma dak li hu

mportanti hu li wiehed jara x'jifhem il-qarrej ordinarju u ta' intelligenza normali meta jaraha.

B'qarrej ordinarju wiehed necessarjament jifhem dak li fid-dottrina Ingliza jissejjah "right thinking person". Persuna li ma toqghodx tissottolizza imma tifhem il-kliem jew stampat iehor fit-tifsira naturali u ordinarja taghhom, jigifieri skond it-tifsira li biha persuni ragjonevoli ta` intelligenza ordinarja, bl-gharfien generali u bl-esperjenza ta` l-affarjiet mondani ta` persuni ordinarji, kienu x'aktarx ser jifmuhom."

Fis-sentenza Dr. Joseph Troisi vs Fr. Emanuel Grima sive Noel et (Qorti ta' l-Appell 10 ta' Ottubru 2003) Il-Qorti qalet li:
"Hemm differenza bejn li wiehed jikkritika, anke jekk b'mod iebes, l-operat ta' dak li jkun billi jesprimi l-opinjoni tieghu fuq dak l-operat, u altru li wiehed jatribwixxi jew, aghar, jinsinwa fatti malafamanti li ma jigux pruvati."

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi d-domandi posti mill-awtur saru wara kummenti u asserzjonijiet fortwiti u dannegjanti li minkejja li kellu l-fakolta li jipprova bhala veritieri naqas milli jaghmel dan fuq livell serju. Dawn l-istess domandi huma biss komplimentari ghall-allegazzjoni mhux pruvati tal-awtur u jaghtu l-impressjoni lill-qarrej ordinarju l-attur heba u immanipula rizulati negattivi tat-testijiet tal-ilma sabiex jinghogob politikament. Tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2004 fil-kawza fl-ismijiet Joseph R. Darmanin vs Gino Cauchi u Maria Muscat fejn kien ritenut illi "huwa konkordament ricevut f'bosta decizjonijiet fuq is-suggett hawn ezaminat illi biex id-divulgazzjoni bi kwalsiasi mod ta' informazzjoni titqies ezercizzju lecitu tad-dritt liberu tal-espressjoni jridu jikkonkorru s-segwenti kondizjonijiet :1 a) il-verita' oggettiva tal-fatti esposti basta li din tkun ir-rizultat ta' ricerka diligenti u serja dwar fatti fil-kompletezza taghhom (Angelo Fenech pro et noe vs Anthony Montanaro et noe App civ 21.01.1993); b) l-interess tal-pubbliku li jinghata gharfien tal-fatti; c) l-korrettezza jew kontinenza tal-espressjonijiet tal-fatti. Issa minn qari tal-artikolu huwa

immedjatament relevanti l-fatt illi l-awtur isemmi r-rizultati tat-testijiet tal-ilma kondotti minn ditta taljana minghajr ma jsemmi l-azzjoni li hadet il-Korporazzjoni sabiex tivverifika dawk it-testijiet kompriz li jsiru analizi mill-gdid minn ditta ohra indipendenti. Meta tqis li dan kollu inkiteb taht il-kappa ta' artikolu intitolat "Playing chairman" il-pubbliku gustament jifhem b'hekk illi c-chairman huwa pupazz f'idejn il-politici li lest jostura lill-pubbliku l-verita' dwar il-kwalita' tal-ilma li jikkonsma u dan ghal gwadann politiku. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-artikolu jallega xi agir censurabbli tar-rikorrent fil-vesti tieghu bhala chairman tal-Korporazzjoni tal-Ilma, jigifieri li jostor ir-rizultati ta' testijiet tal-ilma mwassal lil konsumatur. Mandanakollu, mhux biss ma kienx ippruvat dan l-agir, talli r-rikorrent wera li dan ma kien minnu xejn.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta u tideciedi l-kawza billi:-
Tilqa t-talbiet attrici u ssib li l-konvenut inġurja u mmalafama lill-attur bl-artikolu tieghu intestat "Playing chairman" li deher fil-gazzetta "The Times" datat 1 ta' April, 2004 u konsegwentement qegħda tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu lill-attur mill-konvenut minhabba fl-ingurja mgarrba fis-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------